MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1140/2002

**Myriam Causon**

**vs**

**Nicholas Falzon**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Ottubru, 2002 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom fil-Camden Registry Office ta' Londra fir-Renju Unit fil-11 ta' Frar, 1991 (*vide* Dok. "A");

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx ulied;

Illi dan iz-zwieg tfarrak irrimedjabbilment minhabba adulterju, sevizzi u ingurji gravi da parti tal-konvenut u dan kif se jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi permezz ta’ kuntratt pubblikat fis-26 ta’ Marzu, 1991 u skritt fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb (*vide* Dok. “B”) il-kontendenti eskludew u tterminaw is-sistema tal-kommunjoni ta’ l-akkwisti kif regolata bil-ligi nostrana b’mod illi mid-data tal-pubblikazzjoni ta’ l-imsemmi kuntratt kull akkwist maghmul mill-attrici sar proprjeta` taghha biss filwaqt illi kull akkwist maghmul mill-konvenut sar proprjeta` tieghu esklussivament;

Illi l-imsemmi kuntratt sar bl-awtorizzazzjoni ta’ l-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili u a tenur ta’ l-**artikolu 1244 (1) tal-Kodici Civili;**

Illi wara l-pubblikazzjoni ta’ l-imsemmi kuntratt l-attrici ssoministrat lill-konvenut zewgha diversi somom ta’ flus, ammontanti ghal eluf ta’ liri, u dan kemm sabiex ghamel varji akkwisti, fosthom kitarra elettronika u mutur, u kif ukoll sabiex juzahom ghal skop ta’ negozju u sabiex isiru certi hlasijiet bhal taxxa fuq id-dhul, taxxa tal-VAT u spejjez tal-kumpaniji u kif ukoll kirjiet u kontijiet tad-dawl, ilma u *telephone*, u dan dejjem b’titolu illi jgib mieghu r-radd ta’ l-imsemmija somom ta’ flus lilu somministrati;

Illi effettivament il-konvenut qatt ma radd lura l-imsemmija somom ta’ flus lill-attrici;

Illi l-kontendenti ilhom separati *de facto* ghal diversi snin;

Illi l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi b’din il-kawza b’digriet moghti mill-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili illi jgib in-numru 373/2001 (*vide* Dok. “C”);

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, sevizzi, ngurji u

ragunijiet serji ohra kontemplati u accettati fil-ligi imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Previa kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenut ghandu jrodd lill-attrici dawk is-somom ta’ flus lilu somministrati mill-attrici waqt iz-zwieg, kif fuq espost, b’titolu illi jgib mieghu ir-radd;

3. Tillikwida dawn is-somom ta’ flus illi l-konvenut ghandu jrodd lura lill-attrici; u

4. Tikkundanna lill-konvenut biex irodd lura lill-attrici dawk is-somom ta’ flus lilu somministrati mill-attrici kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;

5. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti lura ghal kunjom xbubitha, u cjoe` “Causon”;

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza illi ghandha tigi pronunzjata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk relatati mal-procedura istitwiti quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 11 tal-process;
Rat illi din il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smiegh ghal nhar il-5 ta’ Marzu, 2003 fid-9.00 a.m.;

Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh nhar l-4 ta’ Dicembru, 2002 u dan skond ma jirrizulta minn *tergo* ta’ fol. 16 u fol. 17 tal-process;

Rat illi ma gietx ipprezentata n-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut entro t-terminu stipulat mill-ligi u ghalhekk l-istess konvenut baqa’ kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu 2003 fejn gie nominat Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat id-digriet ta' nota guramentata moghti lill-attrici fil-5 ta' Marzu 2003;

Rat ir-rikors ipprezentat mill-konvenut nhar it-13 ta' Jannar, 2003 a fol. 23 tal-process, fejn talab illi huwa jigi awtorizzat jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet wara li jiggustifika l-kontumacja tieghu;

Rat id-digriet taghha ta' l-14 ta' Jannar, 2003 fejn il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors u tat lill-kontroparti jumejn zmien ghar-risposta;

Rat ir-risposta ta' l-attrici ipprezentata fl-4 ta' April, 2003 a fol. 25 tal-process u li permezz taghha hija opponiet ghat-talba tal-konvenut sabiex jinghata l-fakolta` jipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu wara li kien lahaq skada t-terminu moghti skond il-ligi.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' April, 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-attur [recte: konvenut] jipprezenta l-affidavits tieghu kollha dwar il-gustifikazzjoni ta' kontumacja fi zmien hmistax-il gurnata mill-lum bin-notifika lill-kontro-parti li jkollu [recte: jkollha] hmistax-il gurnata biex jirrispondi u thalli r-rikors ghall-finali trattazzjoni ghall-25 ta' Gunju, 2003;

Rat in-nota guramentata ta' l-attrici datata 13 ta' Marzu 2003 (a fol. 29);

Rat in-nota ta' l-attrici datata 7 ta' April 2003 fejn permezz taghha pprezentat tliet (3) affidavits konsistenti f'dawk ta' Christopher Gauci (a fol. 30c), ta' Brian Mifsud (a fol. 30e) u ta' Louis Galea (a fol. 30f);

Rat in-nota ta' l-attrici datata 7 ta' April 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess li jinsab a fol. 32 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attur datata 29 ta' April 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess li jinsab a fol. 94 tal-process;
Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fid-9 ta' Gunju 2003;

Rat il-verbal tal-25 ta' Gunju 2004 fejn xehed il-konvenut u Dr. Fiorella De Marco;

Semghet ix-xhieda u qrat l-affidavit tal-konvenut dwar it-talba tieghu ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja;

Rat il-verbal tas-seduta u d-decizjoni moghtija minnha fit-30 ta' Ottubru, 2003 dwar din it-talba, liema decizjoni ma accettatx it-talba tar-rikorrent konvenut u ghalhekk ma giex permess lilu li jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu u dan ghar-ragunijiet hemm spjegati.

Rat ir-rikors tal-konvenut ipprezentat fid-9 ta' Jannar 2004 fejn huwa talab illi din il-Qorti joghgobha tawtorizzah jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet u dan a tenur ta' l-**artikolu 158 (Kap 12)** u taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Jannar, 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut u ppreffigiet terminu ta' ghoxrin gurnata mid-data tad-digriet, bin-notifika lill-kontroparti jew difensur tieghu li ghandu ghoxrin (20) gurnata biex jirrispondi.

Rat il-verbal ta' l-14 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti ordnat li jsiru z-zewg seduti ndikati mill-Assistent Gudizzjarju a fol. 132 tal-process u fi kwalunkwe kaz is-seduti kollha ghandhom jinzammu mhux aktar tard mill-ahhar ta' Frar, 2004. Dr. Fiorella De Marco rrizervat li tipprezenta nota t'osservazzjonijiet fl-eghluq tal-provi;

Rat ir-rikors tal-konvenut li gie ipprezentat fis-27 ta' Jannar 2004 fejn talab illi huwa jigi awtorizzat jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu meta jinghalqu l-provi.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Jannar, 2004 li permezz tieghu, l-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbal tat-3 ta’ Marzu 2004;

Rat il-verbal tat-13 ta’ Mejju, 2004 fejn l-attrici obbligat ruhha li tghaddi kopja tad-dokumenti kollha esebiti minnha lid-difensur tal-kontro-parti. L-attrici kellha ukoll tindika b’nota, id-dokumenti kollha minnha ipprezentati x’jirraprezentaw fi zmien ghaxart ijiem mill-lum. Il-Qorti tat ukoll il-fakolta lill-partijiet sabiex jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet. Ghal dan il-ghan il-Qorti pprefeggiet terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata lill-konvenut biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet minn notifika lilu tal-kopja tad-dokumenti bil-*visto* lid-difensur tal-kontroparti li jkollhom ghoxrin (20) gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet iddiferita ghas-sentenza ghall-lum, 27 ta’ Jannar 2005;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 20 ta’ Mejju 2004;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fit-2 ta’ Frar 2004, 2 ta’ Marzu 2004 fejn xehdet Susan Deguara, tat-22 ta’ April 2004 u ta’ l-4 ta’ Mejju 2004.

Rat l-affidavits prodotti mill-attrici u x-xhieda kollha relattiva, kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti;

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-kawza odjerna hija wahda ta’ separazzjoni personali. L-attrici minn naha taghha tghid illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba tortijiet attribwibbli esklussivament lill-konvenut fosthom l-adulterju, sevizzi, ngurji u ragunijiet ohra kontemplati u accettati fil-ligi. Il-konvenut huwa kontumaci. Minkejja dan il-fatt kif inhu risaput, il-kontumacja ma tammontax ghal ammissjoni, izda hija meqjusa mill-gurisprudenza nostrali bhala oppozizzjoni ghat-talbiet attrici.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Caterina Agius vs Benedict Agius”**, deciza fit-13 ta' Gunju 1967 inghad illi l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni ta’

separazzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri;

Illi nghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"Elisa Thompson vs Edward Thompson"** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Mejju 1925 illi *"perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale"*.

Illi bhala retroxena jinghad illi l-partijiet kienu iltaqghu meta l-attrici kien ghad kellha wiehed u ghoxrin (21) sena u l-konvenut kellu erbgha u ghoxrin (24) sena. Il-genituri ta' l-attrici ma tantx kienu qeghdin jiehdu gost b'din ir-relazzjoni tant illi huma kienu johorgu ma' xulxin bil-mohbi. Wara xi zmien li kienu ilhom hekk johorgu, l-genituri ta' l-attrici insistew maghha li hiija ma tibqax tiffrekwenta lill-konvenut. Minhabba f'hekk l-attrici iggieldet mal-genituri taghha u marret tghix mal-konvenut. Hija tghid illi kienu izzewgu fl-1991 meta siefru ghal *holiday* gewwa r-Renju Unit.

Illi l-attrici tghid – u dan jinsab sorrett minn provi dokumentarji – illi x'hin gew lura Malta huma kienu ghamlu kuntratt fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb sabiex tispicca l-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet dahlet fis-sehh bejniethom. Illi hija tghid ukoll illi l-konvenut ma kien jahdem xejn u li kienet hija biss li taghmel xoghol redittizju. Tkompli tghid illi hija kienet ta' spiss issellfu flus lill-konvenut u dan ghad-diversi progetti li kien jiffantasizza dwarhom minn zmien ghal zmien. Bhala ezempji hija ssemmi l-kwistjoni ta' kuncert li l-konvenut kien qieghed jippjana li jaghmel, kif fil-fatt ghamel, ghal liema kuncert hija harget parti mill-finanzjament. Ezempju iehor huwa dak tas-*CDs* fejn l-attrici kellha thallas id-dazju fuqhom ghax il-konvenut ma kellux flus huwa.

Illi dwar it-tindif tad-dar l-attrici tghid illi *"kien ikollna hafna glied ghax lanqas biss kien jghin fix-xoghol tad-dar u kien jaqlaghli fwiedi anke biex jahsel il-platti darba f'gimgha!".*

Ili xi zmien wara li izzewgu – tghid l-attrici – l-konvenut dahhal f’rasu li ried jiftah hanut, kif fil-fatt ghamel. Dan il-hanut ghall-ewwel kien sejjer tajjeb u bdew jahdmu fih l-attrici, l-konvenut, oht il-konvenut, Graziella u certa Florian Tabone. Wara l-introduzzjoni tal-*VAT “l-bejgh ha daqqa ta’ harta”.* Fl-1997 il-konvenut dahal ghal progett iehor u cjoe` t-tmexxija tan-*night club* bl-isem ta’ Tiffany’s. Huwa baqa’ jiggestieh ghal madwar tlieta jew erba’ xhur. Sussegwentement kien hemm xi zmien fejn l-konvenut kien qieghed jipprova jaghmel serje ghat-televizjoni. Sadanittant, il-hanut *“The Ethnic Shop”* baqa’ miftuh u kienet qeghda tiehu hsieb ta’ kollox l-attrici. Il-konvenut ma kien qieghed jaghmel xejn sabiex jmexxi dan in-negozju ‘l quddiem minkejja li huwa kien il-*Managing Director* tieghu.

Illi l-attrici tghid illi l-konvenut kien talabha sabiex taghmel il-*flat* taghha bhala garanzija ghal xi apparat ta’ l-*editing.* L-attrici gustament irrifjutat li taghmel hekk u kompla l-glied bejn il-partijiet.
Finalment, f’Jannar tas-sena 2000, il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali.
Illi l-ewwel addebitu li l-attrici taghmel fil-konfront tal-konvenut hija dik ta’ l-adulterju. Illi l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** jghid illi *“Kull parti mizzewga tista’ titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra”.*

Illi kif inghad fid-decizjoni tas-16 ta' April, 1953 fil-kawza fl-ismijiet **“Rita Spiteri v. Avukat Dr. Albert V. Grech et noe”** (Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju *"hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormaj pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika"* (p.694).

Illi mill-provi prodotti mill-attrici din il-Qorti m'hijiex sodisfatta li hemm indizji u prezunzjonijiet gravi, precizi u konkordanti li jwasslu lil din il-Qorti sabiex tghid illi kien hemm kaz ta' adulterju. L-uniku punt li jissemma mill-attrici dwar din l-allegazzjoni hija meta hi fl-affidavit taghha (a fol. 36 tal-process) tghid illi "*Imbaghad kien mar jghix ma' habib iehor tieghu, certu Joe Xuereb, f'Paceville fejn kien ikun hemm "parties" ta' spiss, kien iltaqa' ma' wahda Franciza jisimha Muriel li kienet hawn "on holiday" waqt il-Jazz Festival. Din kienet toqghod maghhom fl-istess appartament. Darba kont mort f'dal flat biex jien u l-konvenut niddiskutu s-sitwazzjoni ta' bejnietna, x'hin regghet tfaccat din Muriel – li suppost kienet ilha li telqet minn Malta xi gimghat – u kienet cara li din kienet qed tghix hemm. Kont tlaqt 'il barra strumblata. Wara l-konvenut kien ammetta li kien "hareg" maghha*".

Illi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li jekk xejn hawn jirrizulta illi l-konvenut ikkommetta ingurji gravi fil-konfront ta' l-attrici izda zgur li ma jirrizultawx l-estremi ta' l-adulterju. Dan apparti li jirrizulta wkoll li l-konvenut kien indifferenti ghall-kollox ghall-bzonnijiet ta' l-attrici. Ma kienx jaghtiha daqqa t'id fil-bzonnijiet ta' kuljum u kien dejjem jiddependi fuqha f'dak kollu li kien jaghmel. Kif qalet din il-Qorti, fis-sentenza taghha moghtija fis-16 ta' Novembru, 1932 fil-kawza fl-ismijiet **"Marianna Attard vs Achille Attard"** *"un contegno di indifferenza persistente da parte di un coniuge verso l'altro costituisce una sevizia morale*" (Vol. XXVIII P II p 298). Din is-sentenza giet citata b'approvazzjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Ermelinda Glynn pro et noe vs Avukat Dottor Tonio Mallia noe et"** deciza fid-9 ta' Dicembru, 2002 minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tiddikjara li dan iz-zwieg tfarrak minhabba sevizzji da parti tal-konvenut, *oltre* li dan ingurja gravement l-istituzzjoni taz-zwieg bil-hbiberija li huwa kellu ma' Muriel, u dan kif ammess minnu meta l-attrici tghid illi huwa kien qalilha illi kien "hareg" maghha.

Imiss issa li jigu decizi t-talbiet l-ohra ta' l-attrici. It-tieni talba taghha hija illi din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni

ohra talvolta mehtiega u necessarja, ghandha tiddikjara illi l-konvenut ghandu jrodd lill-attrici dawk is-somom ta' flus lilu somministrati mill-attrici waqt iz-zwieg, kif fuq espost, b'titolu illi jgib mieghu ir-radd. Illi dwar dan, l-attrici tressaq affidavit dettaljat, kif ukoll tesebixxi prospett ta' hlasijiet dovuti mill-konvenut. Dan id-dokument huwa mmarkat bhala Dok. "MC 2" u jinsab esebit a fol. 41 tal-process. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-dokumentazzjoni esebita u ma ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-veraticita` taghhom. Hija rat ukoll illi l-konvenut minkejja li kien talab lil-Qorti tawtorizzah – kif fil-fatt ghamlet – sabiex jaghmel nota ta' osservazzjonijiet a tenur ta' l-**artikolu 158 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** baqa' ma ghamel xejn. Illi ghalhekk hija sejra tiddikjara li dawn il-flejjes huma dovuti mill-konvenut. L-uniku ammont li ser jitnaqqas – u li jinsab immarkat fid-Dok. "MC 2" huwa dak ta' erbgha u hamsin lira Maltija (Lm54) u dan peress illi skond ma xehdet Susan Deguara fis-seduta tat-22 ta' April, 2004 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia, dan l-ammont thallas peress illi n-notifika tar-rizenja ta' l-attrici mill-kumpanija *"The Ethnic Shop Limited"* waslet tardivament. L-attrici kien imissha segwiet din il-formula tant importanti u rat li din iddahhlet fil-hin taghha. Apparti minn hekk ma jirrizulta minn imkien illi l-attrici kienet inkarigat lill-konvenut sabiex huwa jipprezenta din il-formula lir-Registru tal-Kumpaniji u huwa ma ghamilx hekk. Illi ghalhekk l-ammont rejalment dovut mill-konvenut lill-attrici huwa ta' sitt elef, tlett mija hamsa u hamsin liri Maltin (Lm6,355).

Illi apparti dan kollu jirrizulta illi l-partijiet kienu itterminaw il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom fis-26 ta' Marzu, 1991 u dan skond ma jirrizulta mid-Dokument immarkat "B" a fol. 6 *et seq.* tal-process. Illi ghalhekk kull spiza li saret fid-dar matrimonjali kellha tinqasam bejn il-partijiet. Dan qieghed jinghad ghar-rigward ta' l-ispejjez tad-dawl, ilma, *telephone* u *Melita Cable*.

Illi fir-rigward ta' l-ispejjez l-ohra, irrizulta minghajr ebda dubju illi l-konvenut kien ta' spiss jitlob lill-attrici tisilfu xi flejjes u dan ghal diversi affarijiet. Jirrizulta – u dan ma gie negat bl-ebda mod – illi dawn il-flus kienu jinghataw

lill-konvenut bl-isperanza li dawn jigu restitwiti lura. Illi ghal dawn ir-ragunijiet ukoll it-talbiet attrici huma gustifikati.

Illi finalment jinghad illi wahda mit-talbiet attrici hija li hi tigi awtorizzata tirregistra din is-sentenza li ser tinghata llum fir-Registru Pubbliku. Il-Qorti m'ghandhiex bzonn li taghti lill-attrici l-awtorizzazzjoni necessarja sabiex din is-sentenza tigi registrata fir-Registru Pubbliku. Din l-awtorizzazzjoni tinghata mill-ligi stess.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens biss kif hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi s-separazzjoni tal-kontendenti konjugi Falzon, sehhet esklussivament minhabba htija tal-konvenut u dan minhabba sevizzi u ngurji gravi da parti tieghu. *Inoltre* rrizulta wkoll illi llum-il gurnata z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu jrodd lill-attrici dawk is-somom ta' flus lilu somministrati mill-attrici waqt iz-zwieg;

3. Tillikwida dawn is-somom fl-ammont komplessiv ta' sitt elef, tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm6,355);

4. Tikkundanna lill-konvenut biex irodd lura lill-attrici din is-somma ta' sitt elef, tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm6,355) hekk likwidata;

5. Tawtorizza lill-attrici tirriverti lura ghal kunjom xbubitha, u cjoe` "Causon".

6. Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------